Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 43/17

**Elvin Agius (appellat)**

**vs**

**Citadel Insurance plc (soċjeta` appellanti)**

5 ta' Ottubru 2018

1. **Din il-kawża tirrigwarda talba għall-ħlas tal-valur tas-suq ta' vettura wara li kienet involuta f'incident awtomobilistiku.**

2. Fl-Avviż tiegħu ippreżentat quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ[1], l-attur Elvin Agius spjega li l-vettura tiegħu QSU-777 hija assikurata mas-soċjeta` konvenuta Citadel Insurance plc, u li in segwitu għall-inċident li seħħ fit-2 ta' Jannar 2013 is-soċjeta` konvenuta kienet offrietlu (i) li tirriparalu l-vettura, jew (ii) li tieħu l-proprjeta` tagħha u ttih €3,400 tagħha. Qal illi għalkemm aċċetta l-ewwel offerta, s-soċjeta` konvenuta naqset milli tadempixxi mal-obbligu minnha assunt, bir-riżultat li l-istess vettura ma ssewwietx, għadha non-funzjonanti, u m'hix fil-pussess tiegħu. Għaldaqstant talab li l-proprjeta` tal-vettura in kwistjoni tiġi trasferita lis-soċjeta` konvenuta u li huwa jiġi rimborsat il-valur tas-suq tagħha: €4,500 oltre d-danni li sofra minħabba l-inadempjenza msemmija, bl-ispejjeż u l-imgħax legali dekorribbli min-notifika tal-proċeduri odjerni.

3. Is-soċjeta` konvenuta, minkejja li ġiet debitament notifikata bl-Avviż fis-16 ta' Diċembru 2015 baqgħet ma ppreżentatx ir-risposta tagħha u lanqas ma dehret għas-seduti tal-Arbitraġġ.

[1] Li wasal fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ fil-11.12.2015

4. Fid-deċiżjoni li ingħatat fil-5 ta' Settembru 2017, l-Arbitru Dr Stefano Filletti ordna li l-proprjeta` tal-vettura tiġi trasferita lis-soċjeta` konvenuta, u li din tħallas lill-attur s-somma ta' €4,500 oltre l-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza, kif ukoll tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji u l-ispejjeż assoċjati mad-depożitu tal-vettura, l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 2874/2016 u dawk taċ-ċedola ta' depożitu.

5. Is-soċjeta` konvenuta ħassitha aggravata b' din id-deċiżjoni u għalhekk fil-25 ta' Settembru 2017 intavolat appell quddiem din il-qorti fejn talbitha sabiex tvarja u/jew tħassar il-Lodo Arbitrali billi tiċħad it-talbiet tal-attur in toto, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur. Flimkien mar-rikors tal-appell tagħha hija ppreżentat diversi dokumenti[2]. **L-aggravji** tagħha huma dawn:

(i) Fl-ewwel lok issostni li t-tiswijiet relatati mal-inċident kienu saru. Tgħid li l-problema li baqgħet tippersisti kienet tirrigwarda l-magna u ssostni li l-problema fil-magna fil-fatt ma kinitx riżultat tal-inċident u allura ma kinitx tenuta tkopri tali riparazzjoni.

(ii) Fit-tieni lok tgħid li anke jekk għall-grazzja tal-argument kienet obbligata tagħmel ir-riparazzjoni tal-magna, ma ġiex pruvat li dan ma sarx jew ma sarx sew.

(iii) Fit-tielet lok tilmenta li l-ammont mitlub, u likwidat mill-Arbitru, huwa esaġerat u li *se mai* kellu jiġi limitat għal kwalunkwe spejjeż ulterjuri neċessarji fil-magna u mhux il-valur sħiħ tal-vettura.

(iv) Fir-raba lok isostni li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija *extra petita* in kwantu ordna li l-proprjeta` tal-vettura tiġi trasferita għal fuqha.

*(v)* Fil-ħames lok targumenta li l-ammont likwidat kellu jkun inqas minn dak likwidat stante tnaqqis tar-*wreck value.*

6. L-appellat Elvin Agius fit-23 ta' Ottubru 2017 wieġeb biex jgħid għaliex dan l-appell għandu jiġi miċħud, u d-deċiżjoni tal-Arbitru tal-5 ta' Settembru 2017 tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` konvenuta appellanti. Barra li wieġeb għall-ħames aggravji tas-soċjeta` konvenuta talab li

[2] Fol 7-35

din il-qorti tordna l-isfilz tad-dokumenti li ġew ippreżentati fl-istadju tal-appell, stante li dawn jikkostitwixxu provi ġodda li ma ġewx prodotti quddiem l-Arbitru.

**Dwar il-kwistjoni tal-provi fl-istadju tal-appell:**

7. Din il-qorti ser tibda' biex tikkunsidra l-ilment tal-attur dwar il-fatt li s-soċjeta` konvenuta appellanti ppreżentat numru ta' dokumenti fl-istadju tal-appell. Jiġi osservat li dawn id-dokumenti (konsistenti f'kopji ta' *survey report, invoices*, ċekkijiet u *emails*) huma datati 2013-2014 u allura kienu disponibbli fl-ewwel istanza.

8. Għalkemm l-**Art. 145** tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Titolu I – Fuq il-Proċedimenti b'Rikors biex isir Appell) jipprovdi illi:

*"Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jiġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor"*

l-interpretazzjoni riċenti li qegħda tingħata lil dan l-artikolu hija waħda ristretta: u cioe` li d-dokumenti prodotti fl-istadju tal-appell jingħataw piż **biss** jekk tali dokumenti ma kinux disponibbli fl-ewwel istanza.

9. Fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' April 2014 fil-kawża fl-ismijiet **Olive Gardens Investments Ltd vs Salvu Farrugia et** il-Qorti tal-Appell (Superjuri) irriteniet hekk:

*"Dwar il-pożizzjoni legali relattiva għat-talba għall-isfilż ta' provi dokumentali ġodda annessi mar-rikors tal-appell, din il-qorti tosserva li, filwaqt li huwa minnu li kif relevat mis-soċjeta` attriċi teżisti ġurisprudenza preċedenti fis-sens li bis-saħħa ta' dak li jgħid l-Artikolu 145 tal-Kap 12, l-appellanti għandu l-fakolta` li jippreżenta dokumenti mar-rikors tal-appell tiegħu, iżda din il-qorti f' sentenzi aktar riċenzjuri irriteniet li l-interpretazzjoni korretta tal-istess artikolu, konformi mal-funzjoni ta' din il-qorti bħala qorti ta' reviżjoni, hi li filwaqt li dak l-artikolu jippermetti li jiġu materjalment prodotti dokumenti mar-rikors tal-appell, b'danakollu l-piż li kun jista' jingħata lil tali dokumenti minn din il-qorti jkun jiddependi fuq jekk l-istess dokumenti kinux disponibbli u allura produċibbli fl-ewwel istanza.*

*Fir-rigward din il-qorti diġa kellha okkażjoni tirribadixxi fil-kawża* <u>*Emanuel Zammit v Charles*</u>

*Polidano*[3], *deċiża fil-31 ta' Jannar 2014 li "filwaqt li huwa minnu li parti appellanti tista' tressaq dokumenti mal-appell tagħha, dawn id-dokumenti m'għandhomx ikunu provi ġodda li setgħu faċilment ġew prodotti fl-ewwel istanza, għax kif qalet din il-qorti fil-kawża Schembri vs Schembri, deċiża 22 ta' Frar 2013: 'il-funzjoni ta' din il-qorti hija waħda ta' reviżjoni, intiża sabiex tirrevedi dak li jkun sar quddiem l-ewwel qorti, u mhux li tisma' provi ġodda li setgħu ġew prodotti quddiem l-ewwel qorti.' Il-provi kollha jridu jinġiebu quddiem l-ewwel qorti, u jekk parti tonqos li tagħmel dan, ma tistax, wara s-sentenza, tipprova tressaq provi ġodda biex twaqqa' l-argumenti li l-ewwel qorti, fuq il-provi prodotti użat biex waslet għall-konklużjoni tagħha."*

10. Is-soċjeta` konvenuta fil-fatt ma ddefenditx ruħha u ma ressqitx provi quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ. Fl-istadju tal-appell ma tistax tagħmel dak li ma sarx quddiem it-Tribunal.

11. Għaldaqstant din il-qorti mhux ser tqies id-dokumenti li ġew mehmuża mar-rikors tal-appell.

**Provi:**

12. Mid-dokumenti li t-Tribunal tal-Arbitraġġ kellu quddiemu u mix-xiehda tal-attur Elvin Agius, ta' Jamie Bugeja (il-mekkanik tar-Romblu Garage) u ta' Vincent Sladden (General Manager tal-Waldorf Auto Services Co Ltd), tirriżulta s-segwenti kronoloġija ta' fatti:

    (i) Fit-2 ta' Jannar 2013 seħħ inċident awtomobilistiku li fih kienet involuta l-vettura tal-attur tal-marka Alfa Romeo 156 u bin-numru ta' reġistrazzjoni QSU-777, liema vettura kienet assikurata *fully-comprehensively* mas-soċjeta` konvenuta.

    (ii) L-attur għamel *claim* mas-soċjeta` konvenuta, u hija tat l-awtorizzazzjoni li jsiru t-tiswijiet għand it-tellar (mhux magħruf min kien it-tellar).

    (iii) Ġara li l-karozza ma setgħetx tistartja u għalhekk ittieħdet għand mekkanik bl-isem ta' Jamie Bugeja, li huwa s-sid tar-Romblu Garage. (Fix-xiehda tiegħu huwa spjega li għalkemm uffiċjalment mhux awtorizzat uffiċjalment biex jaħdem fuq vetturi Alfa, huwa kien impjegat mal-Waldorf Auto Centre - li huma awtorizzati jsewwu vetturi Alfa - għal sbatax-il sena.)

[3] 1224/97

(iv) Jamie Bugeja tar-Romblu Garage tkellem mas-surveyor tas-soċjeta` konveuta u ftehmu fuq ix-xogħol li kellu jsir. Dan kien għall-ħabta ta' Lulju 2013. Meta telqet mingħandu l-vettura kienet fil-fatt tistartja pero`fi kliem il-mekkanik Jamie Bugeja stess, "*kien hemm kwistjoni dwar it-tħaddim tal-magna peress li fuq l-idle il-magna kienet erratic*." Qal li peress li s-soċjeta` konvenuta ma awtorizzatx iktar xogħol, il-karozza telqet mingħandu f' dan l-istat. Huwa qal li kien ħadha wara l-bieb tad-dar tal-attur.

(v) Jidher li l-vettura baqgħet bi problemi mekkaniċi u fil-fatt fis-27 ta' Diċembru 2013 saret laqgħa bejn l-attur u Michael Borg Costanzi (Head of Motor Department) tas-soċjeta` konvenuta. Sussegwentement għal tali laqgħa, s-soċjeta` konvenuta kkunsidrat ulterjorment il-*claim* tal-attur.

(vi) Fit-30 ta' Diċembru 2013 s-soċjeta` konvenuta ikkomunikat mal-attur permezz ta' *email* u għamlitlu żewġ proposti sabiex huwa jagħżel waħda:

"*Good afternoon Mr Agius*

*Thank you for meeting us at our offices on Friday 27th December 2013.*
*As agreed we have discussed your claim furhter and would like to suggest the following:*

***Option 1***
*We would like to have your vehicle towed to the Alfa dealer and undergo diagnosis so as to determine what is actually wrong with the vehicle with the expectation that this is repaired immediately and thus we would fulfill our obligations of repairing your vehicle. On renewal a special price on your insurance motor policy for this vehicle will be charged.*

***Option 2***
*A cash settlement of €3,400 in full and final settlement of your claim and we take ownership of the vehicle.*

*Kindly advise which option you would like to take.*

*Thank you and regards*
*Michael Borg Costanzi."*

(vii) L-attur dehrlu li t-tieni offerta ma kinitx aċċettabbli għaliex il-vettura tiegħu kienet tiswa iktar minn €3,400 u għalhekk aċċetta l-ewwel offerta: dik li l-vettura tittieħed għand tal-Alfa sabiex tissewwa.

(viii) Għalhekk il-vettura ittieħdet għand il-Waldorf Auto Services Co Ltd. (Is-soċjeta` attriċi fir-rikors tal-appell spjegat li il-Waldorf hija kumpanija tal-Pater Group, li jbiegħu vetturi tad-ditta Alfa Romeo. Fil-fatt l-attur fix-xiehda tiegħu ġieli jirreferi għad-ditta UCIM Co Ltd flok Waldorf, li

jidher li hija fil-fatt il-kumpanija tal-Pater Group li tbiegħ il-vetturi Alfa Romeo).

(ix) Skont ma xehed Vincent Sladden mis-soċjeta` Waldorf Auto Services Co Ltd, l-ewwel *job card* kienet fis-7 ta' Jannar 2014.

(x) Waqt li l-vettura kienet għadha qegħda tissewwa għand is-soċjeta` Waldorf Auto Services Co Ltd, l-attur ħallas il-kopertura tal-assikurazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2014 sa 31 ta' Mejju 2015. Il-valur tal-vettura fuq il-polza maħruġa mis-soċjeta` konvenuta ġie indikat bħala €4,500.

(xi) Fil-21 ta' Lulju 2014 Vincent Sladden mis-soċjeta` Waldorf Auto Services Co Ltd kiteb ittra lil Mr Michael Borg Costanzi (Motor Claims Manager fi ħdan is-soċjeta` konvenuta) fejn għarrfuh li:

> *"We must point out that our organisation cannot guarantee, despite any repairs we have or may be authorised to carry out, that the vehicle will function normally. The reason for this is that the Alfa Romeo 156 has no service history at our Alfa Romeo Service Centre. In addition both the body and mechanical repairs were not carried out at our facility following an accident in which the vehicle was involved.*
> *…*
> *The Alfa Romeo 156, as you are aware is still not functioning correctly, exhibiting a problem on cold start. Our technical personnel need to carry out more work on the vehicle including but not limited to the replacement of the accelerator pedal.*
> *…*
> *Finally we have not yet been formally authorised to proceed with the works we are proposing, or indeed who the final client settling this bill is. We therefore wish to inform you that we will not be carrying out any further work on the vehicle until we receive suitable confirmation of who will be settling the bills for the repairs being proposed. We understand that the cost of the works carried out to date, having been authorised by your kind selves will consequently be settled by Citadel Insurance plc."*

(xii) Fix-xiehda tiegħu l-istess Sladden qal li għalkemm kienu tħallsu mis-soċjeta` konvenuta għax-xogħol li kienu għamlu fuq il-vettura, kien għad baqa' xogħol xi jsir u, "*Ma tħallasniex mis-Citadel biex inkomplu nagħmlu aktar xogħol sabiex insewwu d-difett.*" Qal li kitbu lill-attur biex jieħu l-vettura iżda huwa ma ġabarhiex. Enfasizza li r-relazzjoni ta' Waldorf kienet ma' Citadel.

(xiii) Fl-1 ta' Settembru 2014 sar survey da parti ta' ċertu Kumar Bonello (automobile assessor) fejn huwa vvaluta l-vettura fl-ammont ta' €4,500.

(xiv) Fil-11 ta' Diċembru 2015 l-attur fetaħ il-proċeduri odjerni fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ. F' dan l-istadju l-vettura kienet għadha mhux fil-pussess tiegħu.

(xv) F’ Lulju/Awwissu 2016 l-vettura, li kienet għadha għand Waldorf Auto Services Co Ltd, tħalliet fi Triq il-Plejju, Qormi. (Sladden fix-xiehda tiegħu ikkonferma li l-vettura kienet ġiet ritornata f’ dan iż-żmien).

(xvi) Fil-31 ta’ Awwissu 2016 l-attur ippreżenta ittra uffiċjali (2874/16) fejn wara li ilmenta bil-fatt li l-vettura ġiet iddepożitata fit-triq (mingħajr liċenzja u mingħajr kopertura ta’ assikurazzjoni), interpella lil Waldorf Auto Services Co Ltd u lis-soċjeta` konvenuta Citadel Insurance plc sabiex fi żmien tlett (3) ijiem jiġbruha, bl-intiża li fin-nuqqas huwa jgħaddi biex jiddepożitaha l-Qorti, bil-proċedura tal-kunsinnatarju.

(xvii) Fis-26 ta’ Settembru 2016 is-soċjeta` konvenuta wieġbet għall-ittra uffiċjali (3153/16) fejn hija irrispinġiet kwalsiasi responsabbilta`fir-rigward tal-vettura, u sostniet li kwalsiasi disputa rigward iż-żamma tal-vettura kellha tiġi indirizzata lis-soċjeta` Waldorf Auto Services Co Ltd.

(xviii) Fit-22 ta’ Mejju 2017 l-attur formalment iddepożita l-vettura u l-*logbook* relattiv taħt l-awtorita` tal-Qorti (Ċedola ta’ Depożitu Nru 855/17).

**Konsiderazzjoni.**

13. In segwitu għall-inċident awtomobilistiku tat-2 ta’ Jannar 2013, u wara li saru t-tiswijiet ta’ *panel beating* (da parti tat-tellar) u anke t-tiswijiet mekkaniċi (da parti ta’ Romblu Garage) il-vettura tal-attur kien għad kellha problema ta’ natura mekkanika fil-magna.

14. Fl-**ewwel aggravju** s-soċjeta` konvenuta targumenta li din il-problema mekkanika ma kinitx riżultat tal-inċident awtomobilistiku, u allura ma kinitx obbligata issewwiha. Pero’ mhemmx provi ta’ dan. Il-qorti żżid li jirriżulta li l-appellanti effettivament obbligat ruħha li tieħu ħsieb li ssir it-tiswija fil-vettura wara li ħadmu fuqha t-tellar u Jamie Bugeja tar-Romblu Garage. Fil-fatt f’dak l-istadju offriet lill-attur żewġ alternattivi u cioe’:

- li l-vettura tiġi rmunkata għand tal-Alfa bl-intiża li l-problema mekkanika tiġi riżolta, ***“and thus we would fulfill our obligations of repairing your vehicle”*** JEW
- li l-proprjeta` tal-vettura tiġi trasferita lilha (cioe` tixtriha) għall-“prezz” ta’ €3,400.

15. Jirriżulta li anke wara li l-attur aċċetta li l-vettura tittieħed għand is-soċjeta` Waldorf Auto Centre Co Ltd u sar xogħol fuqha, kien għad baqa' iktar xogħol xogħol x'isir, iżda jidher li s-soċjeta` konvenuta ma kinitx interessata li jsir. Tant hu hekk li Vincent Sladden (General Manager ta' Waldorf) xehed, "*Ma tħallasniex minn Citadel biex inkomplu nagħmlu iktar xogħol sabiex insewwu d-difett*". Fil-ma sarx iktar xogħol fuq il-vettura u baqgħet snin għand Waldorf (ara wkoll ittra uffiċjali li l-appellat ippreżenta fil-31 ta' Awissu, 2016 kontra Waldorf Auto Services Co Ltd u l-appellanti). Għalhekk it-**tieni aggravju** li fih issostni li ma ġiex pruvat li ma sarx ix-xogħol fuq il-magna, mhuwiex ġustifikat.

16. Fit-**tielet aggravju** s-soċjeta` konvenuta targumenta li l-ammont likwidat kellu jkun limitat għall-valur tal-ispejjeż tax-xogħlijiet ulterjuri neċessarji biex tiġi riparata l-magna u mhux tal-valur tal-vettura. Jirriżulta li l-appellanti kienet obbligat ruħha li l-vettura tissewwa. Madankollu l-vettura kien għad fadlilha xogħol x'isir fuqha għar-raġuni spjegat minn Waldorf Auto Services Co Ltd fl-ittra li bagħtet lill-appellanti tal-21 ta' Lulju, 2014. L-appellanti ma tistax tfarfar l-obbligu li assumiet li tieħu ħsieb li ssir it-tiswija fil-vettura, b'dak it-tip ta' raġunament. Mill-provi l-qorti fehmet li wara l-ittra tal-21 ta' Lulju, 2014 l-appellanti ħaslet idejha u ma kinitx iktar interessata li tinstab soluzzjoni għad-difett li kien għad fiha l-vettura (ara deposizzjoni ta' Vincent Sladden). Għalhekk l-appellat għandu jedd jitlob il-valur tal-vettura. L-appellanti altru milli kellha biżżejjed żmien biex issib rimedju biex l-appellat jitpoġġa fil-posizzjoni li kien qabel seħħ l-inċident.

17. Fir-**raba' aggravju** tagħha s-soċjeta` konvenuta tilmenta li d-deċiżjoni tal-Arbitru kienet *extra petita* in kwantu l-attur ma talabx li l-vettura tiġi trasferita lilha. Dan l-aggravju hu fieragħ. Hu ovvju li l-vettura, li tista' titqies bħala *wreck*, tittieħed mill-konvenuta. Inoltre, mit-talba fl-avviż li bih inbdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ hu evidenti li l-appellat ma kienx interessat li jżomm iktar il-vettura. Tant hu hekk li talab li jitħallas is-somma

ta’ €4,500 li hu l-valur li għalih kienet assigurata l-vettura u fih jingħad li l-vettura għandha teħodha s-soċjeta appellanti.

18. Fl-aħħarnett a bażi tal-provi li kellu quddiemu t-Tribunal tal-Arbitraġġ, is-somma ta’ €4,500 tidher ġusta. L-appellant stess tidher li aċċettat li l-valur tal-vettura kien ta’ €4,500, tant li waqt li kienet qed tissewwa għand il-Waldorf Auto Centre Co Ltd u l-attur ħallas l-assikurazzjoni għas-sena 2014-2015, is-somma assigurata kienet ta’ €4,500. Inoltre s-surveyor li f’Settembru 2014 ra l-vettura wkoll ta’ dik l-istima.

19. Fil-**ħames aggravju** tagħha s-soċjeta` konvenuta ssostni li l-ammont likwidat għall-vettura kellu jkun inqas minn dak likwidat (cioe €4,500) u dan stante li kellu jkun hemm tnaqqis tar-*wreck value*. Dan l-aggravju hu nfondat ġialadarba l-vettura għandha tittieħed mill-appellanti.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.